MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 235/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Graham Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Graham Agius talli:

(1) fil-15 ta' Mejju 2010 ghall-habta ta' l-4.30 p.m., waqt li kien fil-komun tal-Fgura Flats, Triq il-Liedna, Fgura, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fuq Maria Cassar u Doreen Cassar, skond ma ccertifika t-Tabib Dr. Alfred Grech M.D. mic-Centru tas-Sahha, Paola, u dan bi ksur ta' l-artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma (ponn tal-hadid) minn fond jew post li jaghmel mieghu, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(3) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi li ghamel delitt kontra l-persuna ta' Maria Cassar u Doreen Cassar kellu fuq il-persuna tieghu arma (ponn tal-hadid);

(4) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Maria Cassar u Doreen Cassar weggagghom bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor, u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. b'digriet ta' dik l-istess Qorti datat nhar-il 21 ta' Novembru 2008 li bih inghata l-helsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi mbotta lil Maria Cassar u Doreen Cassar u dan sabiex iweggaghhom jew jinsulentahom, u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Maria Cassar, Doreen Cassar u l-familjari taghhom u tapplika l-provvedimenti ta' l-art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Mejju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-appellant, u wara li rat l-artikoli "216, 252(1), 339(1)(l), 338(dd)", sabet lill-imsemmi Graham Agius hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih u "bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28(g) tal-

Kap. 9" ikkundannatu ghal sentej n prigunerija sospizi ghal erba' snin, b'dan illi l-istess Graham Agius ghandu jkun taht is-sorveljanza ta' *probation officer* li ghandu jitqabbad ghal dan il-ghan, u kkundannatu wkoll ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt euro (€300). L-ewwel Qorti imponiet ukoll *protection order* taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9 ghal tnax-il xahar "taht il-kundizzjonijiet stabbiliti skond digriet hawn anness";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-27 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (A) fil-kaz li jidhrilha li ai termini ta' l-ewwel aggravju s-sentenza appellata hija nieqsa minn wiehed mir-rekwiziti mehtiega ghall-validita` taghha ai termni ta' l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tghaddi sabiex thassar u tannulla dik is-sentenza u tghaddi sabeix, wara li tisma' l-provi kollha u s-sottomissjonijiet opportuni, issib lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena idoneja skond il-ligi u li ghandha tkun wahda karcerarja effettiva; (B) fil-kaz li din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel aggravju m'ghandux jigi milqugh, izda ssib li t-tieni aggravju ghandu jigi akkolt, tirriforma s-sentenza appellate fis-sens illi: (a) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjojnijiet migjuba kontrih u (b) tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appelalt ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin mid-data tas-sentenza appellata kif ukoll poggietu taht ordni ta' sorveljanza ta' *probation officer* kif ukoll multa ta' tliet mitt euro u inoltre imponiet fuqu ordni ta' protezzjoni taht l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' tnax-il xahar, u (c) minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi li ghandha tkunw ahda karcerarja effettiva;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant Avukat Generali huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hi nieqsa minn

wiehed mir-rekwiziti mehtiega ghall-validita` ta' sentenza ai termini ta' l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena hi miti wisq.

Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant josserva illi l-appellat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu minghajr ebda kundizzjoni, filwaqt illi l-prosekuzzjoni ma rtirat ebda imputazzjoni. Ciononostante l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha naqset milli tirreferi ghall-artikoli 218 u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u li jirrigwardaw l-ewwel u l-hames imputazzjonijjiet, kif ukoll naqset milli tirreferi ghall-artikoli rilevanti taht il-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrigwardaw it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ddikjarat lill-appellat (allura imputat) hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu izda ccitat biss l-artikoli "216, 252(1), 339(1)(l), 338(dd)" minghajr, irid jigi wkoll u l-ewwelnett osservat, ma ndikat liema Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta jirreferu dawk l-artikoli. M'hemm l-ebda dubju illi dawk l-artikoli jirrigwardaw reati li jinsabu fil-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda tali indikazzjoni ghandha dejjem issir. Issa, kif osserva l-Avukat Generali, fl-ewwel imputazzjoni hemm riferenza mhux biss ghall-artikolu 216 izda wkoll ghall-artikolu 218, filwaqt illi l-ewwel Qorti rreferiet biss ghall-artikolu 216. F'dar-rigward pero` jista' jinghad li l-artikolu 218 ma jikkontemplax ir-reat izda l-piena applikabbli f'certi sitwazzjonijiet u ghalhekk in-nuqqas ta' referenza ghal dan l-artikolu ma jippekkax kontra l-artikolu 382 tal-Kap. 9. L-istess ma jistax jinghad dwar it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet jirreferu ghal reati migjuba kontra l-appellat b'referenza ghal provvedimenti taht il-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta izda

dwar dawn is-sentenza appellata hi siekta. Kwantu mbaghad ghall-hames imputazzjoni li tirreferi ghar-reat kontemplat fl-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn ukoll is-sentenza appellata hi siekta.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta' sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Pero` din il-Qorti sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri u li qeghdin isiru ghall-fini ta' precizjoni:

(1) Fl-akkuza l-appellat gie akkuzat bil-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 (ksur tal-mistrieh tan-nies). Ciononostante fl-istess akkuza saret referenza erroneja mill-prosekuzzjoni ghall-artikolu 338(dd) (ksur tal-bon ordni) u l-ewwel Qorti pperpetwat l-izball billi minflok irreferiet ghall-artikolu 338(m) irreferiet ghall-artikolu 338(dd).

(2) Meta l-ewwel Qorti giet biex tiddisponi dwar il-piena qalet illi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28(g) tal-Kap. 9 kienet qed tikkundanna lill-appellat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin b'dan illi l-appellat kellu jkun taht is-sorveljanza ta' *probation officer*. L-artikolu li jippermetti li Qorti tordna li sentenza ta' prigunerija ma tigix fis-sehh b'effett immedjat huwa l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Imbaghad huwa l-artikolu 28G (mhux 28(g)) tal-Kap. 9 li jippermetti li jsir ordni ta' supervizjoni.

(3) Ghalkemm l-ewwel Qorti ordnat li l-appellat ghandu jkun taht is-sorveljanza ta' *probation officer*, hija m'ghamlitx ordni ta' supervizjoni kif hemm indikat fl-artikolu 28G(2) bid-dettalji u kondizzjonijiet attinenti kif hemm deskritt, izda minflok ghamlet ordni ta' *probation* taht l-artikolu 7 tal-Kap. 446.

(4) L-ewwel Qorti qalet li kienet qed taghmel *"protection order"* taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9. L-artikolu 383 proprjament ma jipprovdix ghal *"protection order"* izda jirreferi ghas-setgha tal-Qorti li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni

pubbliku billi torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali. Ordnijiet ta' Protezzjoni *properly so called* isiru taht l-artikolu 412C tal-Kap. 9.

Fl-ahharnett, in vista tan-nuqqasijiet fuq ravvizati kontra dak li jistipula l-artikolu 382 tal-Kap. 9, din il-Qorti sejra tiddikjara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellat fil-posizzjoni li kien immedjatamentr wara li ammetta l-imputazzjonijiet dedotti u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------